2024/1741

20.6.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1741

tat-13 ta' Ġunju 2024

li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Estonjan,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fil-21 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2022/1016 ([2]) li taħtar membru, propost mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Fl-20 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2023/1206 ([3]) li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Jevgeni OSSINOVSKI sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(5) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Tiit TERIK sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(6) Il-Gvern Estonjana ippropona, abbażi ta' mandat nazzjonali differenti, lis-Sur Jevgeni OSSINOVSKI, rappreżentant ta' korp lokali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Tallinna linnapea* (Sindku tal-Belt ta' Tallinn), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

(7) Il-Gvern Estonjan ippropona, abbażi ta' mandat nazzjonali differenti, lis-Sur Tiit TERIK, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Tallinna Linnavolikogu liige* (Membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Tallinn), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali jew li huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

— is-Sur Jevgeni OSSINOVSKI, *Tallinna linnapea* (Sindku tal-Belt ta' Tallinn) (bidla fil-mandat),

u

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1016 tal-21 ta' Ġunju 2022 li taħtar membru, propost mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 170, 28.6.2022, p. 73).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1206 tal-20 ta' Ġunju 2023 li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 159, 22.6.2023, p. 74).

(b) bħala membru supplenti:

— is-Sur Tiit TERIK, *Tallinna Linnavolikogu liige* (Membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Tallinn) (bidla fil-mandat).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-13 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

N. DE MOOR